

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/172/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 270/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu

(2018/C 33/05)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni tas-Sur Mohamed Zohir Mohamed Wahed Garrana (nru. 15), is-Sur Habib Ibrahim Habib Eladli (nru. 18) u s-Sinjura Elham Sayed Salem Sharshar (nru. 19), persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/172/PESK (¹), u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 270/2011 (²), dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu.

Il-Kunsill għandu fil-fajl tiegħu elementi ġodda li jikkonċernaw l-persuni msemmijin hawn fuq. Barra minn hekk, il-Kunsill beħsiebu jemenda d-dikjarazzjoni tar-raqunijiet fir-rigward tas-Sur Habib Ibrahim Habib Eladli (nru. 18) u s-Sinjura Elham Sayed Salem Sharshar (nru. 19).

Il-persuni kkonċernati huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu l-informazzjoni li tirri-gwardahom, qabel it-2 ta' Frar 2018, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union

General Secretariat

DG C 1C

Rue de la Loi/Wetstraat 175

1048 Bruxelles/Brussel

BELGIQUE/BELGIË

Indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni li tasal għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, fkonformità mal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 270/2011.

(¹) ĠU L 76, 22.3.2011, p. 63.

(²) ĠU L 76, 22.3.2011, p. 4.